MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 445/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**versus**

**Edmond Gauci**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Edmond Gauci iben Nazzareno u Mary Anne nee' Galea imwieled il-Pieta' fit-30 ta' Ġunju, 1977 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0331977(M) u li joqgħod Block M/6 Qasam Ħal-Tmiem Żejtun.

Akkużat talli:

1. Nhar it-12 ta' Marzu 2003 u fil-jiem ta' qabel iffalsifika jew biddel mingħajr il-kunsens tad-Direttur tal-Liċenzji jew tat-Trasport Pubbliku liċenzja tat-Triq ta' vettura u

xjentement għamel użu minn din il-Liċenzja b'particulars iffalsifikati jew imbiddlin ukoll minn ħadd ieħor mingħajr il-kunsens tas-sid u għamel użu minn din il-Liċenzja li tista' tqarraq lix-xerrej u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(b)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess jiem, ħin u ċirkostanzi illi bi ħsara ta' ħadd ieħor għamel qligħ b'qerq bi ksur ta' l-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli fit-12 ta' Marzu u fix-xhur ta' qabel għamel użu minn Vettura tal-marka Austin Metro bin-numru ta' reġistrazzjoni KBB 747 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq u b'hekk ma kenitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi eprsuni;

4. Akkużat ukoll talli huwa reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija mill-Maġistrat Dr.C.Scerri Herrera LL.D. dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku liema sentenza saret definittiva fit-2 t'April, 2002.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jgib in-numru 3319 tas-sena 1977; il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif wkoll il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; ċertifikat a fol 13 bhala Dok JA1 maħrug mill-Kumitat Kongunt ta' l-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika; id-dokument JA2 a fol 15 li juri l-karozza numru KBB – 747; il-vehicle inquiry report li qiegħed a fol 16, 17 u 18; il-liċenzja li kellha fuqha dan il-kliem 'EAB – 752 May 03 u 137115' fost numri ohra għaliex hemm wkoll in-numru '158761' kif wkoll 'VIN0549850'; il-current incident report li jidher a fol 19 u 20 u s-sentenza mogħtija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fit-2 ta' April 2002 fl-ismijiet' Spettur Stephen Micallef vs Edmond Gauci' u li fiha l-imputat kien mmultat LM250.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Skond l-ispettur Joseph Agius, huwa kien rceva ittra mingħand il-Kumitat Kongunt għall-Infurzar tal-Ligi ta’ l-Ordni Pubblika taz-Zejtun fejn qalulu illi waqt illi Paul Taliana u wiehed mill-wardens G150 kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet fuq il-karozzi, ndunaw li kien hemm vettura tat-tip Metro KBB 747 illi kellha liċenzja photocopy ta’ vettura oħra EAP 752.

L-ispettur qabbad lil PS 994 Joseph Abela biex jiccekkja l-affarijiet.  Irrizulta illi l-liċenzja kienet qegħda hemm. Bagħat għall-imputat u l-imputat ammetta li dik il-liċenzja kienet ta’ xi hadd jigi minnu u kien qed jigri biha għax kien għadu ma hallasx il-liċenzja fil-fatt (fol 12).

Huwa esebixxa ritratt tal-Metro bid-dettalji tas-sid kif wkoll photocopy tal-liċenzja illi kien hemm imwahhla u li tgħajjat lill-karozza EAP 752 fuq il-Metro.  Fil-kontro ezami huwa qal li n-number plates tal-Metro kienu intatti u ma ntmissux.  Intqal ukoll li l-liċenzja hija photocopy.

Mic-certifikat a fol 14 jirrizulta illi waqt li Paul Taliana flimkien ma warden G 150 C Granada kienu qed jagħmlu l-ispezzjoni mitluba, huwa sabu li l-karozza KBB 747 kellha fuqha liċenzja tal-karozza EAP 752 (ara fotokopja wkoll a fol 17).  Il-karozza rrizulta li kienet pparkjata Hal Tmiem iz-Zejtun quddiem Block M.  Il-liċenzja li kien hemm imwahhla kienet fotokopja tal-liċenzja li tappartjeni għall-karozza EAP 752.

Kienu bagħtu għal certu Amanda Grech li qalet li kienet tat il-karozza lil ħuha xi sentejn qabel.  Imbgħad intbgħat wkoll għall-imputat u qal li kien qed juza l-karozza u l-ahhar darba li kien sabha kien xi sena qabel u hallieha pparkjata hemm.  Hu qal ukoll li kien ha l-liċenzja mill-car number EAP 752   u bi zball kienet twahhlet mal-karozza KBB 747 wara li kien hemm tahlit ma karti ohra.

Meta xehed PS Joseph Abela huwa qal li kien sab il-karozza KBB 747 Metro bajda u li kienet ta’ certu Amanda

u huma sejjhulha, u wara li kienet murija l-karozza, hija qalet li dik ma kintix għadha tagħha u kienet tgħajjat lil huha Edmond Gauci. Huwa kien eleva l-liċenzja falza. L-imputat qal illi l-ahhar li kien uza l-karozza kien xi sena qabel u qal illi l-liċenzja kien hadha minn fuq il-karozza tiegħu l-Skoda. L-imputat qal li poggieha hemm hekk bi zball.

Xehed Paul Taliana li qal li huma marru jfittxu l-karozzi gewwa Hal Tmiem kif kien ordnalhom il-Kummissarju Dr. Louis Vella minhabba li kien hemm xi rapporti ta' irregolaritajiet. Huma hadu camera magħhom u hadu ritratt tal-vettura u ritratt tal-windscreen fejn kien hemm il-photocopy go pouch imwahhla mal-windscreen. Kien imbgħad il-Kummissarju Dr. Louis Vella li qalilhom li għandhom iressqu l-kaz lill-pulizija.

Xehed wkoll PC 780 Arselio Bilocca li kkonferma dak li kien qal ix-xhud ta' qablu jigifieri Paul Taliana. Huma kienu ccekkjaw u sabu illi l-liċenzja kienet tgħajjat lil certu Amanda.

Xehed wkoll Christian Granada li qal li hu kien sempliciment mar fuq il-post u akkumpanja lil min kellu jiehu l-passi. Dan ix-xhud kien ix-xufier biss u ma ra ebda liċenzja (fol 38).

Xehdet wkoll Amanda Galea li hija mizzewga. Hija qalet illi l-vettura imsemmija KBB 747 kienet tagħha. Din kienet Austin Metro. Kienet marritilha l-magna u missierha kien qalilha li kienu ser jehduha go għalqa. Hija qalet li l-karozza kien f'għalqa ta' l-għarus ta' oħtha. Hi qalet li ma għadhomx ihallsulha liċenzja u lanqas kienet tohrog fit-triq. Hija kienet offrietha lil missierha pero dan wara ftit kien qalilha li l-magna kienet marret u għal hekk qalu li kienu ser jitfgħuha go għalqa. Hi rat il-karozza z-Zejtun taht hajt hdejn il-bieb ta' ommha, fejn toqgħod ommha gewwa Hal Tmiem. Hija kienet gabet mekkanik biex jikkonferma jekk il-karozza kintix verament marritilha l-magna. Fil-karozza ma kienu saru ebda transfers. Irceviet xi citazzjonijiet u hi ma kellhiex flus minn fejn

thallashom.  Għal hekk kienet qalgħet il-pjanci u qegħdin għandhom.

Xehed Brian Farrugia li qal li l-karozza Austin Metro ta' kulur abjad tgħajjat lil Amanda Galea, ID8481M mir-Rabat Malta.

L-Ispettur Agius pprezenta sentenza fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Stephen Micallef) vs Edmond Gauci'.

Meta rega' tela Christopher Darmanin a fol 60 qal li l-liċenzja għalqet f'Novembru 2001 u kienet għadha hekk sa dak inhar li tela' jixhed jigifieri 21 ta' Lulju 2004 waqt illi l-incident gara fit-12 ta' Marzu 2003 u fil-jiem ta' qabel. Fuq il-karozza hemm iktar minn LM210 f'citazzjonijiet.

<u>Xhieda difiza</u>

Xehed Edmond Gauci l-imputat li qal li l-Metro kienet ta' missieru u missieru kien tahielu. Biss din kellha l-hsara u tefagħha hemm u xtara Skoda Favorit.  Hu ried jiggaraxxja l-Metro u ried jagħmel transfer ta' l-Skoda u tefa' kollox f'daqqa u kien hemm it-tifel u harbatlu kollox. Huwa fil-fatt ried jagħmel it-transfer ta' l-Skoda.  Dwar il-karozza ta' missieru, huwa qal li fil-fatt din kienet ta' oħtu u oħtu kienet tagħtha lilu.  Hawn hekk il-Qorti kellha tistaqsi 'Ta' min kienet din? Ta' missierek jew ta' ommok?'  U hu qal li oħtu kienet tagħtha lil missieru imma oħtu imbgħad kienet tgħajjat lilha.  U hawn il-Qorti qaltlu 'Mela oħtok tagħtha lil missierek u missierek taha lilek' u x-xhud qal iva.  Huwa qal illi l-Metro kienet wieqfa u kienet ilha wieqfa bil-hsara.  Kienet wieqfa f'Qasam Hal Tmiem.  Ix-xhud qal li ma jafx jaqra.  U lill-pulziija kien qalilhom li jekk imorru jistartjawha, dik ma jistartjawhiex.  Hija kienet ipparkjata wara l-bieb ta' missier l-imputat.  Hu qal li kienet ilha ta' l-inqas tliet xhur wieqfa.   Hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsiet 'Inti taf li karozza bla liċenzja ma tistax thallieha barra?' u x-xhud wiegeb iva.  Imbgħad staqsieh 'Jekk din ma tistax tistartja, x'inhu l-iskop li l-liċenzja ta' oħtok sabet ruhha fuq il-windscreen?'  Huwa qal li l-liċenzja ma kinitx ta' oħtu imma kienet ta' l-Skoda.  Huwa spjega illi ta' l-

Skoda kienet fuq il-Metro. Huwa qatt ma kien bagħbas xejn fil-liċenzji.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Ikkonsidrat

Li mill-fatti jirriżulta li l-karozza KBB 747 kienet tgħajjat lil oħt l-imputat (Amanda Galea). Din il-karozza kienet ingħatat minn Amanda Galea lil missierha u imbagħad dan ta lill-imputat. (Ara fol.85). Kien l-imputat li, skond hu stess, tefa' l-liċenzja fuq din il-karozza (Ara fol.86) u din il-liċenzja ma kinitx tal-karozza KBB 747 iżda kienet fotokopja ta' liċenzja ta' karozza oħra. Il-karozza kienet ipparkjata wara l-bieb ta' missier l-imputat u għalhekk ma kenitx ggaraxxjata.

Jirriżulta mill-atti li l-liċenzja tat-triq ta' din il-karozza ilha ma titħallas mill-24 ta' Jannar 2001 u li kienet tgħajjat lil Amanda Galea (ID 8481)(M) li xehdet li din il-karozza kellha l-magna ma taħdimx u li din il-karozza kienet ittieħdet f'għalqa. Kien hemm ukoll għadd ta' multi mhux imħallsin.

L-imputat qal li hu ma kienx jaf jaqra u li kienet twaħħlet il-fotokopja tal-liċenzja bi żball minħabba li t-tifel tiegħu kien ħawwad il-karti.

Il-Qorti ma ssibx li dak li qal l-imputat huwa kollu minnu. M'hemmx dubju li kien jaf x'inhi fotokopja u lanqas jekk ma jafx jaqra mill-kulur seta' faċilment induna li kien qed iwaħħal liċenzja li ma kinitx ġenwina. Kien jaf ukoll li ma tistax tħalli karozza fit-triq jekk int ma tkunx ħallast il-liċenzja għas-sena kurrenti. Ġaladarba aċċetta l-karozza kien imissu ħa ħsieb li jew ħallas il-liċenzja jew ma ħallhiex il-karozza fit-triq.

Dwar l-imputazzjonijiet mogħtija l-Qorti qed teżaminahom waħda, waħda kif jidher hawn taħt.

## L-ewwel Imputazzjoni

Il-kliem ta' l-ewwel imputazzjoni jirrifletti dak li jidher fl-artikolu 298 (b)(ċ) tal-Kap 9. Dan l-artikolu għandu x'jaqsam ma' qerq kummerċjali bħal min jiffalsifika xi trade mark. L-imputat ma ffalsfika xejn meta poġġa fotokopja ta' liċenzja ta' vettura oħra.

Biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' document ġenwin.

Minħabba li l-Liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' 'Falsifikazzjoni', il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu[1] jikkwota lill-awtur Pessina kif ġej:

'I mezzi onde al vero si puo' sostituire cio' che non e' tale si riducono sempre a due, come il formare ex integro un imitazione o il modificare qualche obbietto, qualche atto, qualche scrittura vera di guisa che per effetto della trasformazione indichi tutt'altro che il vero. Il primo modo piglia nome di contraffacimento dove che l'altro dicesi alterazione.'

Għal x'għandu jitqies bħala dokument, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ: ' Il-Pulizija versus Paul Galea' nhar is-17 t'Ottubru, 1997. F'dak il-każ il-Qorti kienet qiset bħala 'dokument' 'kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espożizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. B'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprini ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-ktiba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messaġġ.

[1] Prof.Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II paġina 153

Abbażi ta’ din id-dottrina, l-irċevuta fiskali u t-tax invoice jistgħu jitqiesu bħala dokument.

Fl-istess kaz il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita’ materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin ‘non e’ veridco, perche’ colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.’

L’Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

‘Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita’ del documento, puo’ presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche’ il documento e’ posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell’alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall’autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.’[2]

Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b’approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

***‘Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.’***[3]

L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar ‘il fuq fejn jingħad ‘that the forgery must be in the ‘materialita’ della scrittura’, that is, the public or private writing in its external conditions as a document.’ [4]

[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606
[3] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161
[4] Professur Mamo Anthony op.cit. pagian 161.

Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1997[5] :

***'The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:***

***'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which***

***purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.***

[5] Archbold ed.1997 paġina 1901 22-8

***In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.'***

Il-Qorti ħasset li kellha tidħol a fondo f'din il-problema minħabba li waqt li l-każistika tal-Qrati tagħna kemm-il darba daħlet primarjament f' żewġ kwistjonijiet (i) jekk dokument hux pubbliku jew privat ( Ara fost l-oħrajn: ' Il-Pulizija versus Carmelo Borg 26 ta' Jannar 1984 dwar jekk bank draft tas-Central Bank kienx dokument pubbliku jew le, 'Il-Pulizija versus Paul Bonnici' tat-30 ta' Ġunju 1961dwar jekk liċenzja tas-sewqan hix dokument pubbliku jew le u 'Il-Pulizija versus Patrick Spiteri' (22 t'Ottubru, 2004 dwar l-elementi ta' document pubbliku) jew (ii) jekk xi oġġett hux dokument jew le (Ara: Regina versus SQ et 13 ta' Diċembru, 1954 u Il-Pulizija versus Paul Galea (ritratt ta' landrover ta' l-imputat appellant bin-numru K-2128 flok il-veru B-0544).

Fil-każ odjern il-Qorti ma tistax tasal għall-konlużjoni li l-imputat ħoloq xi strument ex integro jew li l-imputat sab dokument u biddlu b'xi mod.  Għalhekk il-Qorti mhix issib il-falsifikazzjoni li qed issemmi l-Prosekuzzjoni fl-ewwel imputazzjoni.

Iżda barra minn hekk l-imputazzjoni hija dwar qerq kummerċjali u m'hemm ebda prova fil-proċess ta' tali qerq.

***Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.***

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni hija dwar qligħ b'qerq bi ksur ta' l-artikolu 309 tal-Kap 9.  Dan l-artikolu jgħid hekk:

'Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur jew il-multa.'

Mill-atti ma tirriżulta ebda prova li l-imputat għamel xi qligħ. Barra dan in-nuqqas ta' ħlas ta' liċenzja ta' vettura huwa regolat ad hoc.

***Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni***

**It-Tielet Imputazzjoni**

(i) Jirriżulta mill-atti li l-imputat kellu karozza barra u li għal din ma kenitx tħallset il-liċenzja sabiex tintuża barra fit-12 ta' Marzu 2003 u fix-xhur ta' qabel.

***Din il-parti ta' l-imputazzjoni hija ppruvata u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din il-parti ta' l-imputazzjoni.***

(ii) Il-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni. Fil-fehma tal-Qorti ma nġiebet prova li l-imputat saq il-karozza minnn fejn kienet ***ipparkjata u għalhekk qed tilliberah minn din it-tieni parti tat-tielet imputazzjoni.***

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza li fiha l-imputat kien ikkundannat iħallas multa. Din ngħatat inqas minn ħames snin qabel ma sar l-allegat 'reat' imsemmi fit-tielet imputazzjoni. Madankollu biex ikun hemm ir-reċidiva wieħed irid ikun wettaq reat. Minħabba li l-multa kkontemplata hija waħda żgħira, l-imputazzjoni tista' titqies bħala kontravenzjoni, allura r-reċidiva ma teżistix.

***Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.***

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 298(b)(c), 309, ir-regolament 14(1)(2)(3) ta' l-Avviż Legali 476 tas-sena 2004 li qabel kien ir-regolament 18 ta' l-Avviż Legali 128 ta' l-1994, l-artikolu 54(2)(a), 55(1)proviso u t-Tieni Skeda tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel parti tat-tielet imputazzjoni biss, u qed tilliberah mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni, mit-tieni parti tat-tielet imputazzjoni u mir-raba' imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' 69.88 Ewros fiż-żmien mogtħi mil-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------